MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2008

Numru 3/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta**

***versus***

**Stanley Chircop, bin Joseph u Philippa *née* Spiteri, imwieled fis-27 ta' Frar 1970, residenti Fgura, detentur tal-karta ta' identità bin-numru 143370M**

Il-qorti rat l-Att ta' l-Akkuża numru 3 ta' l-2006 li bih l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, wara li qal illi:

*L-EWWEL KAP*

Bejn Novembru u Diċembru ta' l-elf disa' mija u seba' u disgħin (1997) Stanley Chircop kien jittraffika u jbigħ id-droga herojina xjentement u illegalment lil diversi persuni fi bnadi differenti ta' Malta, u kien ta d-droga herojina f'diversi okkażjonijiet fost oħrajn lil ċertu Wahel Mahmud Awah. Dan Stanley Chircop kien jagħmlu biex iħajjar lil

ħaddieħor jaqbad il-vizzju u l-bejgħ tad droga, apparti l-qligħ tal-flus.
Id-droga herojina msemmija hija droga speċifikata fl-Ewwel Taqsima ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi. L-imsemmi Stanley Chircop la kellu liċenzja mill-President ta' Malta għall-għemil tiegħu u anqas kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi jew minn xi awtorità mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija. Barra minn hekk, Stanley Chircop ma kienx fil-pussess ta' l-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u ma kellux liċenzja u anqas kien xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija. L-istess Stanley Chircop ma kellux liċenzja li jipprokura l-istess droga.
B'għemilu, l-imsemmi Stanley Chircop sar ħati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina speċifikata fl-Ewwel Taqsima ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101] lil persuna jew għal xi persuna mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi jew minn xi awtorità mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan, li r-reat sar b'diversi atti magħmula u li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda.
akkuża lil Stanley Chircop:
talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina speċifikata fl-Ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101] lil persuna jew għal xi persuna mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tal-Mediċini

Perikolużi jew minn xi awtorità mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan, li r-reat sar b'diversi atti magħmula u li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;
u talab:
illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u li jiġi ikkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lml,000) – elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) – iżda mhux iżjed minn ħamsin elf lira Maltija (Lm50,000) – mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) – u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, anke jekk tali flus u proprjetà tkun għaddiet għand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1) u (5), 20, 22(l)(*a*), 22(2)(*a*) (i) u (ii), 22(2)(*b*)(i) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101] u r-regola 8 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi [N.G. 292/39] u fl-artikoli 17(*b*), 23, 18, 31, 20, u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.
Fl-istess Att ta' l-Akkuża l-Avukat Ġenerali kompla jgħid illi:

***IT-TIENI KAP***

Fiż-żmien u ċ-ċirkostanzi indikati fl-ewwel Kap tal Akkuża u ċioè f'Novembru u Diċembru 1997 Stanley Chircop kien fil-pussess xjenti tad-droga herojina biex jittraffikaha u fil-fatt ikkonsenja l-istess droga lil diversi persuni f Malta. Dak il-pussess kien mezz u stadju wieħed sabiex ikun jista' imexxi d-droga f idejn terzi.

Id-droga herojina hija droga speċifikata fl-Ewwel Taqsima ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101] u l-imsemmi Stanley Chircop ma kellux awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija maħruġa mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza msemmija u ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifatura jew ifomi dik id-droga. Anqas kien b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta u anqas kien awtorizzat mill-President ta' Malta li jkollu d-droga fil-pussess tiegħu.
B'għemilu, l-imsemmi Stanley Chircop sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina li għaliha tapplika it-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, 1939 [Kap. 101] meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi, 1939 [Kap. 101] u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi [N.G. 292/39] jew b'xi awtorità mogħtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.
Għalhekk akkuża lil Stanley Chircop:
talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina li għaliha japplikaw it-Taqsimiet IV u V ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, 1939 [Kap. 101] u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi [N.G. 292/39] jew b'xi awtorità mogħtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija;
u talab:
illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u li huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux

inqas minn tnax-il xahar iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta’ mhux inqas minn mitejn lira Maltija (Lm200) – erba’ mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) – iżda mhux aktar minn għaxart elef lira Maltija (Lm10,000) – tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) – u l-konfiska ta’ l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(l) u (5), 20, 22(l)(*a*), 22(2)(*a*)(ii), 22(2) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101] u r-regola 8 tar-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikiolużi [N.G. 292/39] u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.
Fl-istess Att ta’ l-Akkuża l-Avukat Ġenerali reġa’ kompla jgħid illi:

**_IT-TIELET KAP_**

Bejn Frar tas-sena elf disa’ mija u sebgħa u disgħin (1997) u Ġunju elf disa’ mija u tmienja u disgħin (1998) Stanley Chircop kien jittraffika u jbigħ id-droga kokajina xjentement u illegalment lil diversi persuni fi bnadi differenti ta’ Malta, u kien ta d-droga kokajina f’diversi okkażjonijiet, fost oħrajn lil ċerti Claire Polidano, Noel Borg, Norman Mayo u Michael Sċiberras. Dan Stanley Chircop kien jagħmlu biex iħajjar lil ħaddieħor jaqbad il-vizzju u l-bejgħ tad droga, apparti l-qligħ tal-flus.
Id-droga kokajina msemmija hija droga speċifikata fir-Raba’ Taqsima ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.
L-imsemmi Stanley Chircop la kellu liċenzja mill-President ta’ Malta għall-għemil tiegħu u anqas kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi jew minn xi awtorità mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga msemmija. Barra minn hekk, Stanley Chircop ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u ma kellux liċenzja u anqas kien xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija. L-istess Stanley Chircop ma kellux liċenzja li jipprokura l-istess droga.
B’għemilu, l-imsemmi Stanley Chircop sar ħati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga

kokajina speċifikata fir-Raba' Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101] lil persuna jew għal xi persuna mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tal-Mediċini Perrikolużi jew minn xi awtorità mogħtija mill-President ta' Malta li jfomi d-droga msemmija u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xort'oħra awtorizzat li jimmanifatura jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga.
Għalhekk akkuża lil Stanley Chircop:
talli ipprokura jew offrra li jfomi jew li jipprokura d-droga kokajina speċifikata fir-Raba' Taqsima ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101] lil persuna jew għal xi persuna mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għal-Kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi jew minn xi awtorità mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga;
u talab:
illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u li jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lml,000) – elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) – iżda mhux iżjed minn ħamsin elf lira Maltija (Lm50,000) – mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) – u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, anke jekk dawk il-flus u proprjetà jkunu għaddew għand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà

immobbli jkunu qegħdin f’xi post barra minn Malta, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1) u (5), 20, 22(l)(*a*), 22(2)(*a*)(i) u (ii), 22(2)(*b*)(i) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101] u r-regola 8 tar-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi [N.G. 292/39] u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.
Fl-aħħarnett l-Avukat Ġenerali kompla jgħid illi:

## ***IR-RABA’ KAP***

Fiż-żmien u taħt iċ-ċirkostanzi indikati fit-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża u ċioè bejn Frar tas-sena elf disa;’ mija u sebgħa u disgħin (1997) u Ġunju elf disa’ mija u tmienja u disgħin (1998) Stanley Chircop kien fil-pussess, jittraffika u jbigħ id-droga kokajina xjentement u illegalment lil diversi persuni fi bnadi differenti ta’ Malta, u kien ta d-droga kokajina f’diversi okkażjonijiet, fost oħrajn lil ċerti Claire Polidano, Noel Borg, Norman Mayo u Michael Sċiberras. Dan Stanley Chircop kien jagħmlu biex iħajjar lil ħaddieħor jaqbad il-vizzju u l-bejgħ tad droga, aparti il-qligħ tal-flus.
Id-droga kokaina hija droga speċifikata fl-Ewwel Skeda ma’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101] u l-imsemmi Stanley Chircop ma kellux awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija maħruġa mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza msemmija u ma kienx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifatura jew iforni dik id-droga. Anqas kien b’xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta’ Malta u anqas kien awtorizzat mill-President ta’ Malta li jkollu id-droga fil-pussess tiegħu.
B’għemilu, l-imsemmi Stanley Chircop sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina li għaliha tapplika it-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċmi Perikolużi, 1939 [Kap. 101] meta ma kellux awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi, 1939 [Kap. 101] u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta’ Malta u ma

kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi [N.G. 292/39] jew b'xi awtorità mogħtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Għalħekk kompla akkuża lil Stanley Chircop:

talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina li għaliha tapplika t-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, 1939 [Kap. 101] u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi [N.G. 292/39] jew b'xi awtorità mogħtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu u dik id-droga ma gietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija;

u talab:

illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u li huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn tnax-il xahar iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira Maltija (Lm200) – erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) – iżda mhux aktar minn għaxart elef lira Maltija (Lm10,000) – tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) – u l-konfiska ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(l)(5), 20, 22(l)(*a*), 22(2)(*a*)(ii), 22(2) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101] u r-regola 8 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikioluzi [N.G. 292/39] u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Ippreżenta wkoll nota b'lista ta' xhieda u ta' dokumenti.

L-akkużat ressaq l-eċċezzjoni preliminari illi l-akkużi kif miġjuba kontra tiegħu, b'għażla ta' l-Avukat Ġenerali għalkemm skond il-liġi, li, kif inhi, tagħti diskrezzjoni dwar il-piena li għandha tingħata lill-akkużat, imorru kontra l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet

tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Waqt is-seduta tat-30 t'Ottubru 2006 quddiem din il-qorti, il-prosekuzzjoni u d-difiża qablu illi l-qorti għandha tiddikjara din l-eċċezzjoni bħala waħda frivola u vessatorja, u l-qorti, b'deċiżjoni mogħtija dakinhar stess, iddisponiet mill-eċċezzjoni billi iddikjarat illi t-tqanqil ta' l-eċċezzjoni huwa sempliċement vessatorju skond l-art. 46(1) u (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Rat l-atti kollha proċesswali, fosthom ukoll l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat il-verdett tal-ġurati mogħti aktar kmieni llum li bih:

- b'seba' (7) voti favur u żewġ (2) voti kontra sabu lill-akkużat mhux ħati ta' l-akkuża taħt l-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuża;
- bi tmien (8) voti favur u vot wieħed (1) kontra sabu lill-akkużat ħati ta' l-akkuża taħt it-tieni kap ta' l-Att ta' l-Akkuża;
- b'sitt (6) voti favur u tliet (3) voti kontra sabu lill-akkużat ħati ta' l-akkuża taħt it-tielet kap ta' l-Att ta' l-Akkuża; u
- unanimament sabu lill-akkużat ħati ta' l-akkuża taħt ir-raba' kap ta' l-Att ta' l-Akkuża.

Għalhekk tiddikjara lil Stanley Chircop:

1. mhux ħati ta' l-akkuża taħt l-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuża, u tilliberah minn dik l-akkuża;
2. ħati, taħt it-tieni kap ta' l-Att ta' l-Akkuża, talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina li għaliha japplikaw it-Taqsimiet IV u V ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, 1939 [Kap. 101] u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi [N.G. 292/39] jew b'xi awtorità mogħtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija;
3. ħati, taħt it-tielet kap ta' l-Att ta' Akkuża, talli ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina speċifikata fir-Raba' Taqsima ta' l-Ordinanza

dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101] lil persuna jew għal xi persuna mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għal-Kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi jew minn xi awtorità mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga; u

4. ħati, taħt ir-raba' kap ta' l-Att ta' l-Akkuża, talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina li għaliha tapplika t-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, 1939 [Kap. 101] u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi [N.G. 292/39] jew b'xi awtorità mogħtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu u dik id-droga ma gietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Rat illi l-ġurati kollha, individwalment, bis-setgħa mogħtija lilhom taħt l-art. 484 tal-Kodiċi Kriminali, għamlu rakkomandazzjoni motivata għall-ħniena tal-qorti mal-ħati.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża għall-għanijiet ta' l-art. 490 tal-Kodiċi Kriminali u, għall-għanijiet ta' l-istess artikolu, semgħet ix-xiehda ta' Carmen Brincat u ta' Mariella Camilleri, imressqa mid-difiża.

Wara li qieset is-sottomissjonijiet kollha magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena, fosthom ukoll dawn is-sottomissjonijiet tad-difiża:

1. illi l-akkużi ta' pussess huma "assorbiti" f'dik ta' traffikar għall-għanijiet ta' l-art. 17(*h*) tal-Kodiċi Kriminali;
2. illi l-qorti għandha tagħti piż xieraq lir-rakkomandazzjoni ta' ħniena magħmula mill-ġurati u għar-raġunijiet minnhom mogħtija għal din ir-rakkomandazzjoni, *viz.* id-dewmien bejn meta saru r-reati u meta sar il-

proċess, u l-ħtieġa li ma jitħassrux l-effetti tar-riforma li seħħet fil-ħati;
3. illi l-qorti għandha tqis illi d-dispożizzjonijiet ta' l-art. 22(9) tal-Kap. 101, li jeskludu l-applikazzjoni ta' l-artt. 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u ta' l-Att dwar il-*Probation* [Kap. 446] għal każ bħal dak tallum, ma jeskludux ukoll l-applikazzjoni ta' l-art. 484 tal-Kodiċi Kriminali (dwar ir-rakkomandazzjoni ta' ħniena magħmula mill-ġurati);
4. illi l-qorti għandha taqra u tifhem id-dispożizzjonijiet ta' l-art. 22 tal-Kap. 101 dwar il-minimu tal-piena fid-dawl ukoll tad-dispożizzjonijiet l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [il-Konvenzjoni] u l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni], kif ukoll fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija fis-27 ta' Settembru 1990 *in re* **Repubblika ta' Malta *versus* Emmanuel Grech *et***; u
5. illi l-qorti għandha tqis illi l-ħati mhux biss irriforma ruħu iżda wkoll qiegħed jagħti servizz ta' fejda fir-ri-abilitazzjoni ta' vittmi tad-droga;
tasal issa biex tagħmel dawn il-konsiderazzjonijiet.
Tassew illi safejn id-delitt ta' pussess ta' droga serva bħala mezz biex isir id-delitt ta' traffikar ta' l-istess droga, għandhom igħoddu d-dispożizzjonijiet ta' l-art. 17(*h*) tal-Kodiċi Kriminali, li jgħid hekk:
**17.** Fil-konkors ta' reati u ta' pieni, igħoddu d-disposizzjonijiet li ġejjin:
… … …
(*h*) meta żewġ reati jew iżjed, li flimkien ma jagħmlux delitt ikkwalifikat, iservu bħala mezz biex isir reat ieħor, sew ikkwalifikat jew sempliċi, għandha tingħata l-piena għar-reat l-aktar gravi.
Tassew ukoll – u l-prosekuzzjoni wkoll qablet dwar dan – illi l-pussess tal-kokajina, li bih kien mixli l-ħati taħt ir-raba' kap, seta' serva bħala mezz biex sar it-traffikar ta' l-istess kokajina, li bih kien mixli taħt it-tielet kap – għalkemm għall-kompletezza u l-konsistenza loġika għandu jingħad illi, ladarba l-akkuża taħt ir-raba' kap kienet ta' pussess sempliċi, *i.e.* għall-użu esklussiv tal-ħati, dak il-pussess sempliċi ma setax serva biex sar it-traffikar; ċertament, iżda, ma jistax jingħad illi l-pussess ta' l-erojina, li bih kien mixli l-ħati taħt it-tieni kap, seta' serva bħala mezz biex sar

traffikar tal-kokajina, għax il-ħati seta' ittraffika l-kokajina bla ma qatt kellu pussess ta' erojina.
Għalhekk, għalkemm id-dispożizzjoni ta' l-art. 17(*h*) tal-Kodiċi Kriminali tgħodd bejn it-tielet u r-raba' kap, ma tgħoddx ukoll bejn it-tielet u t-tieni kap. Għandhom igħoddu, minflok, id-dispożizzjonijiet ta' l-art. 17(*b*) u (*f*).
Dwar ir-rakkomandazzjoni tal-ġurati għall-ħniena mal-ħati, il-qorti tosserva illi, għalkemm taħt l-art. 484 tal-Kodiċi Kriminali huwa mħolli f'idejn il-qorti jekk tilqax jew le dik ir-rakkomandazzjoni, ma tistax ma tqisx il-fatt illi r-rakkomandazzjoni saret minn kull wieħed u waħda mill-ġurati u kienet imsejsa fuq raġunijiet tajba, għax mis-xiehda ħareġ tassew illi l-ħati issa irriforma ruħu u illi l-priġunerija tista' f'dan l-istadju tagħmel deni aktar milli ġid, u huwa minnu wkoll illi għadda żmien sew – madwar għaxar snin – bejn meta sar il-ksur tal-liġi u ż-żmien meta qiegħda tingħata din is-sentenza, kienu x'kienu r-raġunijiet għal dak id-dewmien.
Il-qorti għalhekk sejra ċertament toqgħod fuq ir-rakkomandazzjoni magħmula mill-ġurati.
Madankollu, safejn tista' tasal il-qorti fil-ħniena tagħha ma huwiex imħolli għad-diskrezzjoni ħielsa tal-ġudikant iżda huwa regolat mil-liġi.
Dan iwassalna biex inqisu jekk il-qorti għandhiex is-setgħa tagħti sentenza taħt il-minimu li trid il-liġi.
Il-liġi tgħid hekk fl-art. 22(9) tal-Kap. 101:

**22.** (9) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-*Probation* ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(*a*)(i) jew fis-subartikolu (2)(*b*)(i):

L-art. 21 tal-Kodiċi Kriminali huwa dwar is-setgħa li l-qorti tagħti piena taħt il-*minimum* stabbilit, l-art. 28A huwa dwar sentenza ta' priġunerija sospiża, u r-reat ta' traffikar li tiegħu instab ħati Stanley Chircop huwa reat imsemmi fis-subartikolu (2)(*a*)(i) jew fis-subartikolu (2)(*b*)(i) ta' l-Ordinanza.
Id-dispożizzjoni ta' l-art. 22(9) tal-Kap. 101 mela tfisser illi, fil-każ tallum, din il-qorti la tista' tagħti sentenza taħt il-*minimum*, la tista' tagħti sentenza sospiża, u lanqas tista' tagħti *probation*?
Il-ħati jgħid illi ma jfissirx hekk, u jagħti dawn ir-raġunijiet:

Igħid illi, għalkemm il-liġi teskludi l-artt. 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u l-Att dwar il-*Probation*, ma teskludix ukoll l-art. 484 tal-Kodiċi Kriminali.

Dan huwa minnu, iżda l-kwistjoni ma hijiex jekk il-qorti tistax tapplika l-art. 484 jew le – ġà rajna illi l-qorti hija tal-fehma illi għandha tilqa' r-rakkomandazzjoni magħmula mill-ġurati; il-kwistjoni hija dwar x'inhu l-effett ta' l-art. 484 meta applikat: jekk ifissirx illi l-qorti għandha biss tagħti piena eqreb tal-*minimum* milli tal-*maximum*, jew ifissirx illi għandha wkoll is-setgħa li tmur taħt il-*minimum*.

F'dan l-istadju, u qabel ma tqis ukoll l-argumenti l-oħrajn imressqa mid-difiża, il-qorti tgħid illi jkun ingħata effett lill-art. 484 jekk il-qorti tagħti piena eqreb tal-*minimum* milli tal-*maximum*, u illi l-art. 22(9) espressament iċaħħad lill-qorti mis-setgħa li tagħti piena taħt il-*minimum*.

Id-difiża tkompli tgħid illi b'dan il-mod l-art. 484 jiġi ma jfisser xejn. Semmiet l-eżempju ta' meta l-liġi kienet tagħti l-piena tal-mewt u wkoll meta dik il-piena, f'każ ta' verdett unanimu, kienet "tassativa", il-qorti setgħet ma tagħtix dik il-piena tassativa jekk tkun saritilha rakkomandazzjoni ta' ħniena.

Fil-fehma tal-qorti, iżda, ma hemmx analoġija bejn il-każ imsemmi mid-difiża u l-każ tallum. Fil-każ tal-piena tal-mewt, ma kienx jagħmel sens li ssir rakkomandazzjoni ta' ħniena meta l-qorti setgħet tagħti biss dik il-piena u ma setgħetx tagħti oħra; fil-każ tallum, il-liġi, għar-reat ta' traffikar, tagħti piena ta' priġunerija (barra multa) għall-għomor iżda wkoll tagħti lill-qorti s-setgħa, f'ċerti ċirkostanzi, li tagħti piena ta' priġuneria (barra multa) li tista' tkun bejn erba' snin u tletin sena. Hemm *margin* wiesa' ħafna li fih il-qorti tista' timxi bi ħniena u hekk tkun laqgħet ir-rakkomandazzjoni magħmula mill-ġurati.

Fil-fatt l-art. 484 ma huwiex maħsub biex jagħti aktar setgħat lill-qorti iżda biex il-qorti timxi bi ħniena meta tiġi biex tagħti piena li hija fis-setgħa tagħha li tagħti.

Il-ħati jgħid ukoll illi d-dispożizzjonijiet ta' l-art. 22 tal-Kap. 101 għandhom jinqraw u jiftiehmu wkoll fid-dawl ta' dak li jgħidu u jridu l-art. 6 tal-Konvenzjoni u l-art. 39 tal-Kostituzzjoni, u hawnhekk jistrieh fuq dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija fis-27 ta' Settembru 1990 *in re* **Repubblika ta' Malta *versus* Emmanuel Grech *et*.**

F'dik il-kawża kienet saret referenza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali lill-qorti ta' kompetenza kostituzzjonali għax qamet kwistjoni jekk is-setgħa ta' l-Avukat Ġenerali taħt l-art. 22(2) tal-Kap. 101 – li jagħżel li kawża ta' persuna mixlija b'reat taħt il-Kap. 101 tinstema' quddiem din il-qorti, fejn il-piena li tista' tingħata hija ogħla, u li kawża ta' persuna oħra mixlija bl-istess reat tinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, fejn il-piena li tista' tingħata, kemm fil-*maximum* kif ukoll fil-*minimum*, hija aktar baxxa – hija setgħa li tikser id-drittijiet fondamentali ta' l-akkużat li l-kawża tiegħu tinstema' quddiem din il-qorti.
Il-Qorti Kostituzzjonali ma kinitx sabet ksur tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni għax is-setgħa mogħtija lill-Avukat Ġenerali ma kinitx xi diskrezzjoni arbitrarja iżda l-Avukat Ġenerali kellu jinqeda b'din is-setgħa tiegħu skond "kriterju impliċitu". Dwar dan is-sentenza tgħid hekk:
Prinċipju vitali ta' interpretazzjoni ta' liġijiet huwa li l-liġi għandha tkun interpretata loġikament u bil-bon sens kollu. … … … meta l-liġi fl-għerf tagħha tħalli xi diskrezzjoni f'idejn xi awtorità dik l-awtorità (… … .. f'dan il-każ l-Avukat Ġenerali) għandha dmir teżerċita d-diskrezzjoni mħollija f'idejha bil-bon sens kollu u, jekk ikun hemm xi kriterju impliċitu f'dik id-diskrezzjoni, għandha timxi fid-dawl ta' dak il-kriterju impliċitu. F'dan il-każ il-qorti ssib li ċertament hemm kriterju impliċitu fid-diskrezzjoni mħollija f'idejn l-Avukat Ġenerali, *i.e.* li l-każi kollha serji kontra l-Ordinanza (Kap. 101) għandhom jitressqu quddiem il-Qorti Kriminali, fil-waqt li każi inqas serji għandhom jitressqu quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati.
Is-sentenza mbagħad tkompli tgħid hekk:
Minn dan isegwi li l-Avukat Ġenerali ma jistax kapriċċożament jissottometti lil persuna għal piena massima [ogħla] lil persuna fil-waqt li jissottometti lil persuna oħra, akkużata ta' reat simili, għal piena massima [iżgħar]. Billi l-piena japplikaha l-imħallef jew il-maġistrat il-piena qiegħda f'idejn persuna kompletament separata u differenti minn dik ta' l-*Attorney General* li jista' jiffunzjona quddiem il-qorti sempliċement fil-kwalità ta' prosekutur, u mhux ta' ġudikant tal-persuna akkużata a bażi tad-deċiżjoni tiegħu, u ġudikant li jsib li kien hemm xi ħaġa arbitrarja fid-deċiżjoni ta' l-Avukat Ġenerali għandu r-

rimedju pależi f'idejh li japplika l-piena ġusta għall-każ. U dan jista' jagħmlu billi fis-sistema kriminali malti għandna l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali li jintitola lill-qorti tapplika piena inqas mill-*minimum* għal raġunijiet speċjali u straordinarji li għandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza u fid-diskrezzjoni tal-qorti. … … … Din il-qorti mingħajr esitazzjoni tiddikjara formalment illi, jekk ikun jidher li kien hemm xi ħaġa arbitrarja fid-deċiżjoni ta' l-Avukat Ġenerali li wasslet biex każ jirriżulta quddiem il-Qorti Kriminali flok il-Qorti tal-Maġistrati, dak ikun każ ċar li jitlob l-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali.
Għalhekk, igħid il-ħati, kien l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali li, skond is-sentenza tas-27 ta' Settembru 1990, salva l-kostituzzjonalità ta' l-art.22(2) tal-Kap. 101. Ġara iżda li, b'emenda magħmula bl-art. 11 ta' l-Att VI ta' l-1994, iddaħħal is-sub-artikolu (9) li issa ma jħallix illi l-qorti tapplika l-art 21.
Dak li salva l-kostituzzjonalità ta' l-art. 22(2), mela, issa spiċċa.
Dan l-argument ma huwiex nieqes minn meritu.
Madankollu, għandu jingħad illi l-kostituzzjonalità ta' l-art. 22(2) kienet eżaminata mill-Qorti Kostituzzjonali wkoll wara li, bl-art 11 ta' l-Att VI ta' l-1994, iddaħħal is-sub-artikolu (9) fl-art. 22 tal-Kap. 101, u b'sentenza mogħtija fis-27 t'April 2006 *in re* **Godfrey Ellul *versus* Avukat Ġenerali** il-Qorti Kostituzzjonali kienet sabet illi l-art. 22 tal-Kap. 101, ukoll fil-forma li għandu llum, ma jiksirx id-dispożizzjonijiet li jħarsu d-drittijiet fondamentali.
Għandu jingħad ukoll illi, għalkemm huwa minnu illi din il-qorti – bla ma għandha s-setgħa li ssib li sar ksur tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni – għandha s-setgħa, u anzi wkoll id-dmir, li taqra' u tifhem il-liġijiet b'interpretazzjoni konformi fid-dawl ta' dak li jgħidu u jridu l-liġijiet ogħla li jħarsu d-drittijiet fondamentali, madankollu fil-każ tallum ġà tressqet mill-ħati eċċezzjoni mibnija fuq l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-art. 39 tal-Kostituzzjoni; dik l-eċċezzjoni, b'sentenza tat-30 t'Ottubru 2006, instab li kienet sempliċement vessarorja, u għalhekk ma għadux issa miftuh għal din il-qorti li tidħol fi kwistjonijiet kostituzzjonali.
Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, l-aktar li tista' tagħmel biex twettaq ix-xewqa tal-ġurati, hu li tagħti l-*minimum* tal-

piena, iżda mhux li tmur taħt il-*minimum*, jew li tagħti sentenza sospiża jew *probation*.
Wara li qieset il-fatturi relevanti kollha, fosthom ir-rakkomandazzjoni tal-ġurati, il-fatt illi l-verdett ma kienx unanimu, il-fatt illi l-akkużat irriforma ruħu u qiegħed jagħmel xogħol siewi fir-ri-abilitazzjoni ta' vittmi oħra tad-droga, u l-fattur taż-żmien, il-qorti tassew hija tal-fehma illi għandha tagħti l-anqas piena li trid il-liġi.
Fid-dawl ta' dan kollu, u fid-dawl ukoll tal-fatt illi oġġettivament il-ħati tassew kiser il-liġi u għandu jwieġeb għal għemilu, ukoll biex ma jingħatax messaġġ żbaljat illi min hu ħati ta' ksur tal-liġi jista' jaħrab il-konsegwenzi ta' dak li għamel, il-qorti madankollu tħoss illi għandha tgħid, għalkemm *col senno del poi*, illi fil-każ tallum għandu mnejn illi d-deċiżjoni illi l-każ ta' Stanley Chircop jinstema' quddiem din il-qorti u mhux quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma kinitx deċiżjoni għal kollox għaqlija.
Dwar ir-reat ta' traffikar, il-liġi tgħid fl-art. 22 tal-Kap. 101 illi l-piena għandha tkun priġunerija għall-għomor, iżda meta hemm ċirkostanzi bħal ma hemm fil-każ tallum, il-qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba ħatja għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn erba' snin iżda mhux iżjed minn tletin sena u multa ta' mhux inqas minn elf lira (Lml,000) – elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) – iżda mhux iżjed minn ħamsin elf lira (Lm50,000) – mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67).
L-inqas piena għalhekk tiġi priġunerija għal erba' snin u multa ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37).
Għar-reat ta' pussess sempliċi ta' erojina l-piena hija ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira (Lm200) – erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) – iżda mhux aktar minn għaxart elef lira (Lm10,000) – tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73).
Fid-dawl ta' dak li jgħid u jrid l-art. 17(*b*) u (*f*), il-piena ta' erba' snin priġunerija tiżdied b'erba' xhur – biex tiġi b'kollox erba' snin u erba' xhur – u l-multa ta' elfejn, tliet

mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) tiżdied għal elfejn, ħames mija u tnejn u sittin euro u tletin ċenteżmu (€2,562.30).
Billi iżda mix-xiehda ta' Carmen Brincat ħareġ illi l-ħati jeħtieġ kura għar-ri-abilitazzjoni tiegħu, il-qorti, wara li rat l-art. 22(10) tal-Kap. 101 qiegħda tagħmel ordni għal kura għal żmien li jkun daqs iż-żmien tal-priġunerija. Għal dan il-għan, iż-żmien ta' priġunerija msemmi fuq ta' erba' snin u erba' xhur, li jitqies iż-żmien tal-piena oriġinali, jitnaqqas b'terz għal ħamsa u tletin xahar.
L-art. 22(3A) tal-Kap. 101 irid ukoll illi l-qorti, b'żjieda ma' kull piena oħra, tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, anke jekk dawk il-flus u proprjetà jkunu għaddew għand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta.
Il-qorti għalhekk, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1), 20, 22(l)(*a*), 22(2)(*a*) (i) u (ii), 22(3A), 22(9), 22(1) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101] u r-regola 8 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi [N.G. 292/39] u l-artikoli 17, 18, 20, 22, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lil Stanley Chircop għall-piena ta' sentejn u ħdax-il xahar priġunerija u multa ta' elfejn, ħames mija u tnejn u sittin euro u tletin ċenteżmu (€2,562.30). Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, anke jekk dawk il-flus u proprjetà jkunu għaddew għand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta.
Wara li rat ukoll l-art. 22 tal-Kodiċi Kriminali, tordna illi kull żmien qabel illum illi l-ħati nżamm il-ħabs għar-reati illi dwarhom illum huwa nstab ħati u ġie kundannat jitqies bħala parti miż-żmien ta' priġunerija.
Kif irid l-art. 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lill-ħati jħallas fi żmien xahrejn millum is-somma ta' disgħa u sittin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€69.88) li hija l-ispiża tal-ħatra ta' esperti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------